# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

**Numru 44**

**Citaz. Nru. 2544/00GV**

**George Lyttleton f'ismu propio u esercenti l-kummerc taht l-isem Frizull**

**vs**

**Paul Sciberras u Alfred Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Desaru Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma bilancjali ta' hamest elef erba' mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm5,448) bilanc minn somma akbar import ta' tnax il-kambjala ta' erba' mija u erbgha u hamsin lira Maltin li skadew rispettivament fl-20 ta' Dicembru, 1998, fl-20 ta' Jannar, 1999, fl-20 ta' Frar, 1999, fl-20 ta' Marzu, 1999, fl-20 ta' April, 1999, fl-20 ta' Mejju, 1999, fl-20 ta' Gunju, 1999, fl-20 ta' Lulju, 1999, fl-20 ta' Awissu, 1999, fl-20 ta' Settembru, 1999, fl-20 ta' Ottubru, 1999, fl-20 ta' Dicembru, 1999, kopja tal-kambjali hawn annessi u markati bhala Dok. A, B, C, D, E, u F.

Premess illi ghalkemm il-konvenuti gew mitluba jissaldaw dan l-ammont huma baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:-

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, u

2. Tikkundanna lill konvenuti sabiex ihallsu lill-attur solidalment bejniethom is-somma ta' Lm5,448 (hamest elef erba' mija u tmienja u erbghin lira Maltija) kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza ta' kull kambjala u fl-ispejjez komprizi Lm15 tal-konsult u tal-ittra legali tal-25 ta' Ottubru, 2000 u tal-15 ta' Novembru, 2000 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 32 tal-process;

Rat in-nota tas-socjeta' Desaru Ltd., tat-30 ta' April, 2001 li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' Desaru Ltd., t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' Desaru Ltd., tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' Desaru Ltd..

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**